**6 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Cost Chretien

*versus*

Joseph C. Borda

**Kambjali — Eċċezzjonijiet Opponibbli — Dolo — Vizzju tal-Kunsens — Nullità — Art. 1007, u 1017 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 254 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**

*Ma hux leċitu li jiġi dilazzjonat il-ħlas ta' kambjali b'eċċezzjonijiet personali li ma jkunux ta' faċili spedizzjoni; f'każ simili, il-konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tiġi rimessa għal ġudizzju separat, u sadattant jiġi ordnat il-ħlas tal-kambjali, bil-garanzija jew mingħajrha, skond ma tiddeċidi l-Qorti.*

*Iżda meta l-eċċezzjoni tolqot l-eżistenza stess tal-kambjali, bħal meta hu l-każ ta' ineżistenza tal-kambjali minħabba dolo jew vjolenza li jivvizzjaw il-kunsens tal-aċċettant, u kwindi jkun hemm nullità tal-kambjali, allura dan il-prinċipju ma jibqgħax applikabbli; u kwindi l-provi dwar l-allegat dolo jew l-allegata vjolenza jinstemgħu fl-istess ġudizzju fejn tiġi mitluba l-adempjenza ossija l-ħlas tal-kambjali.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur talab ......illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu £96. 16. 2d; kwantu għal £50 import ta' kambjala mill-istess konvenut aċċettata, u skaduta fit-30 ta' Settembru 1960, kwantu għal £44. 10. 0d import ta' kambjala oħra mill-istess konvenut aċċettata, u skaduta fil-31 ta' Diċembru 1960, u kwantu għal £2. 6. 2d spejjeż ta' żewġ protesti. Bl-interessi kummerċjali, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Mejju 1961, li bih ddeċidiet adeżivament għall-istanza; bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi l-kambjalijiet huma ffirmati mill-konvenut u ma jġibu ebda sinjal skritt jew stampat tal-intenzjoni tiegħu li jobliga lil ħadd ieħor, u għaldaqstant l-obligat kambjarjament huwa hu;

Rat fol. 14 in-nota tal-appell tal-konvenut, u fol. 15 il-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li t-talba tal-attur tiġi respinta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur qiegħed jirreklama l-import ta' żewġ kambjalijiet (minbarra l-ispejjeż tal-protesti relattivi). Il-konvenut qiegħed jopponi ruħu għall-pagament minħabba dolo pratikat mill-attur (ara nota tal-eċċezzjonijiet u dikjaraz-

zjoni fol. 11); u issa, fl-appell, minħabba vjolenza morali konsistenti f'minaċċja (ara petizzjoni tal-appell u verbal tat-23 ta' Ottubru 1961);

Il-vjolenza tista' tkun użata tant mill-kontroparti kemm minn terza persuna. F'dan il-każ, il-konvenut jallega li ġiet użata mill-attur stess; u għalhekk l-eċċezzjoni tiegħu relattiva hi personali għall-attur. Skond l-art. 254 Kod. Kumm. Kap. 17 Ediz. Riv., ma hux leċitu li jiġi dilazzjonat il-ħlas ta' kambjali b'eċċezzjonijiet personali li ma jkunux ta' faċili spedizzjoni; f'każ simili, il-konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tiġi rimessa għal ġudizzju separat, u sadattant jiġi ordnat il-ħlas tal-kambjalijiet, bil-garanzija jew mingħajrha, skond ma tiddeċidi l-Qorti;

F'dan il-każ, flimkien mal-provi favur jew kontra l-pretiża vjolenza, aktarx li jkunu jridu jsiru l-provi dwar dak li jgħid il-konvenut fid-dikjarazzjoni tiegħu fol. 11, fis-sens li hu xejn ma kellu jagħti lill-attur, imma kellu jagħtieh ibnu. L-eċċezzjoni, għalhekk, mhijiex ta' "pronta soluzione". Del resto, hu essenzjali, għall-finijiet tat-traffiku merkantili, li ma jiġix intralċjat il-ħlas ta' kambjali, li fil-prattika hi kunsidrata kważi bħala titolu eżekuttiv. F'dan is-sens kienet kostantement il-ġurisprudenza (ara Kollez. Vol. XIX-III-92; Vol. XX-III-15, fejn hi espressament imsemmija din il-prattika kostanti; Vol. XXII-43; u oħrajn);

"Prima facie", għalhekk, jista' jidher li f'dan il-każ għandu jiġi ordnat il-pagament, bla garanzija jew biha, kif jidhrilha l-Qorti;

*Iżda, f'dan il-każ*, hemm din il-fattezza speċjali, illi ċjoè, l-eċċezzjoni tolqot l-eżistenza tal-kambjali stess, b'mod li jekk ikun hemm id-dolo jew il-vjolenza, kambjali ma hemmx, għax il-kunsens tal-aċċettant (il-konvenut) ikun vizzjat (art. 1007 u 1017 Kod. Ċiv., Kap. 23 Ediz. Riv.) Meta hu hekk, osservat il-Qorti tal-Kummerċ (Vol. XXXIV-III-846). "dan il-prinċipju ma jibqgħax applikabbli meta l-eċċezzjoni hi fis-sens li ma kien hemm ebda obligazzjoni kambjarja. Infatti, ir-regola li l-ħlas tal-kambjali jiġi ordnat taħt kawtela, u li l-ġudizzju dwar l-eċċezzjonijiet jiġi rimess għal kawża oħra separata, hija ntiża sabiex tiġi

tutelata l-kambjali bħala istitut, u kwindi tonqos ir-raġuni meta obligazzjoni kambjarja ma hemmx." Hekk, din il-Qorti tal-Appell, fil-kawża "Tonna vs. Bartolo" 2 ta' Marzu 1942 (inedita), daħlet biex teżamina kwistjoni ta' dolo, preċiżament għar-raġuni minnha hekk enunċjata:— "Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati, mhux biss lokali imma anki kontinentali u ngliżi, li meta hemm din l-eċċezzjoni ta' dolo, il-Qorti għandha tinvestiga, u ma tistgħax tħalliha la parti biex tagħti prevalenza lil kwistjonijiet oħra ta' proċedura li, kif intqal iżjed il-fuq, għandha tiġi adottata f'każijiet normali";

S'intendi, dak li jingħad għad-dolo hu applikabbli anki għall-vjolenza; għax l-istess din tivvizja l-kunsens, u l-istess tinvalida l-kambjali;

Minn dan l-aspett, għalhekk, il-provi offerti jistgħu jinstemgħu;

Kwantu għall-aspett l-ieħor, li dawn il-provi ma jidherx li saru, jew li ġew offerti u respinti fl-Ewwel Onorabbli Qorti, u li kwindi ma humiex produċibbli fl-appell, għandu jingħad li d-difensur tal-attur iddikjara li ma jopponix ruħu li jsiru, stante li hu jrid, anzi, li anki għad-diskariku tiegħu l-kwistjoni tkun ventilata; liema kunsens, għalkemm ma kienx jiswa għall-ewwel aspett, li kien imiss prinċipju ta' sustanza, jiswa però, skond il-liġi proċedurali, għall-produzzjoni ta' provi ġodda fl-appell;

Għalhekk din il-Qorti tiddirimi l-inċident billi tippermetti li jsiru l-provi offerti mill-konvenut u dawk kuntrarji tal-attur. L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.